Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 219/2015

Il-Pulizja

Spettur Raymond Aquilina

Vs

Alessandro Debono

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Alessandro Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 280291M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

f'Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa 342C, Bellini House Triq Fleur de Lys, Birkirkara u f'postijiet ohra f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(i) b'ghemil zieni kkorrompa lin-neputija tieghu Sarah Debono liema reat sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx it-tnax (12) –il sena, b'qerq, minn axxendent u mid-demm, kif ukoll meta l-istess minuri giet fdata lilu mqar ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebha, jindukraha jew izommha u dan ir-reat sar kontra membri domestici;

(ii) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, eccita, ghin jew iffacilita l-

korruzzjoni tal-imsemmija minuri ta' taht l-eta' u dan ir-reat sar kontra membru domestiku;

(iii) fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' cioe mal-imsemmija minuri u dan sar kontra membru domestiku.

Illi l-Qorti giet mitluba sabiex tinhareg ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jigi projbit milli javvicina lill-imsemmija minuri u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Illi l-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-minuri u tal-familja taghha ai termini tal-Artikolu 382 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' April, 2015, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari taghha, kif ukoll dawk ta' isem l-imputat u l-familjari tieghu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **thassar** u **tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-Ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu ferm aggravat bihom u dan ghar-raguni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni u apprezzament zbaljat tal-provi li konsegwentement wassal ghal-liberazzjoni tal-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

I. **<u>L-Ewwel Aggravju: il-kwistjoni tar-rapport u tax-xhieda tal-psikologa Dr. Roberta Attard.</u>**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti warrbet ghal kollox ir-rapport[1] li sar mill-psikologa Dr. Roberta Attard u ddikjaratu bhala prova inammissibbli ghar-raguni illi l-imsemmi rapport huwa rizultat ta' ezami ex parte li sar mill-imsemmija psikologa fuq il-minuri. Fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fid-decizjoni taghha illi tiskarta in toto l-imsemmi rapport ghaliex minkejja li huwa minnu madanakollu li dan huwa rapport mhejji minn espert ex parte u li ghalhekk ir-rapport ma giex imhejji ai termini tal-Artikolu 650(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa minnu wkoll illi r-rapport huwa mqassam f'diversi sezzjonijiet kif sejjer jigi spjegat. Ghaldaqstant, ma fihx biss ir-rizultanzi tal-psikologa fuq il-kundizzjoni tal-minuri. Hekk per ezempju a fol. 38 et seq. tal-atti processwali u senjatament a fol. 5 tal-imsemmi rapport, il-psikologa tiddeskrivi x'qaltilha t-tifla dwar l-allegat abbuz li kien qieghed isir fuqha da parte ta' Alessandro Debono, iz-ziju tat-tifla, u dwar 'l-affarijiet pastazi' li kien jara l-appellat missierha Allen Debono:

Psikologa: Sarah hemm xi hadd illi forsi ftakart fih u trid tpoggih ukoll.

Sarah: Le, lil Sandro mhux se npoggih ta....

[1] A fol. 34-42 tal-atti processwali

Psikologa: Inti tpoggi fl-istampa lil min tixtieq inti biss.

**Ftit sekondi ta' silenzju.**[2]

Sarah: Sandro jgerrini biex jaghmilli xi haga hazina. Bis-sahha ta' jgerrini.

Psikologa: Sarah tixtieq tghidli min hu Sandro?

Sarah: Dak huwa hu l-papa...taf illi jsawwatni ukoll..bis-serjeta' qed nghidlek.

.../...

Sarah: Heq..nkun qed nghidlu biex jieqaf imma hu jkompli..idejjaqni meta jaghmel xi haga hazina..niddejaq..nghidlu biex jieqaf. Imissni**...(it-tifla thares 'l isfel u titbissem bil-mistija)**[3]..imma din xi haga pastaza.

**It-tifla taqbad wahda mill-pupi (Barbie) li hemm fuq il-mejda quddiemha u tipponta b'subghajha lejn il-parti private tal-pupa. Imbaghad thares lejja u tieqaf.**[4]

..../...

Sarah: Le..grat ta' vera. Tal-papa' vera wkoll ta.

Psikologa: Sorry mhux qed nifmhek tista' tghidli x'inhu vera tal-papa'?

Sarah: Ghax meta dhalt fil-kamra fuq it-television rajt nanna u boy u n-nanna kienet qed tilghaqlu l-mostru **(Hawnhekk titbissem u tghatti wiccha)**[5]. Nisthi..pastaza.

.../...

Psikologa: Ghalfejn ghidtli illi jismu l-mostru u mhux d-duda bhal qabel? X'ghandhom differenti minn xulxin?

Sarah: **(Titbissem u tghatti halqha)**[6] Ghax qalli l-papa'..mostru.

---

[2] Emfasi tal-esponent.
[3] Emfasi tal-esponent
[4] Emfasi tal-esponent
[5] Emfasi tal-esponent

…/…

Psikologa: Tiftakar jekk rajtx xi haga ohra bhal dan?

Sarah: Ritratti...hafna boobes barra..tal-papa'..kulur peach kienu...kulur tal-gilda. Ghajjejt...nista' npingilek stampa ta' ziemel issa?

Illi kwindi hekk kif jidher mill-estratt sopra citat, dan ir-rapport huwa wkoll ibbazat fuq serje ta' kostatazzjonijiet u osservazzjonijiet illi ghamlet il-psikologa waqt li t-tifla kienet qeda titkellem maghha u fih ukoll rapport tal-fatti hekk kif irrakontati mill-minuri nnifisha. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan, l-esponent kien jistenna li l-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara r-rapport bhala ammissibbli limitatament ghal dak illi jirrigwarda l-kostatazzjonijiet maghmula mill-psikologa daqslikieku din ix-xhieda hija tatha fil-vesti ta' xhud ordinarju minflok skartat ghal kollox din il-prova.

Illi l-esponent qieghed jishaq fuq l-importanza tax-xhieda ta' Dr. Roberta Attard fid-dawl tal-fatti illi x-xhieda taghha tikkorabora t-tezi tal-Prosekuzzjoni li t-tifla effettivament kienet kemm abbuzata sesswalment mill-appellat kif ukoll affetwata psikologikament mill-pornografija illi kien jesponieha ghalieha missierha.

## II. <u>It-Tieni Aggravju: Il-kredibilita' tal-minuri</u>

Illi kif osservat ben tajjeb l-ewwel Onorabbli Qorti dan huwa kaz ta' verzjoni kontra l-ohra ghar-raguni illi ma hemmx xhieda okulari sabiex isahhu l-verzjoni l-wahda jew l-ohra. Izda huwa pacifiku illi mhux kull kaz ta' kunflitt ta' provi jwassal ghal-liberatorja tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih. Hekk sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker[7] liema kaz iccitatu wkoll l-ewwel Onorabbli Qorti:**

[6] Emfasi tal-esponent
[7] 19 ta' Mejju, 1997

It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.

Illi dan il-principju kien ukoll ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi bl-ismijiet **il-Pulizija vs. Joseph Torn**[8] u **l-Pulizija vs. Aaron Mizzi**[9] fejn intqal illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata imma l-Qorti f'din is-sitwazzjoni trid tevalwa l-provi sabiex tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen jew lil min mhux sejra temmen. Dan l-ezercizzju l-Qorti taghmlu billi tistrieh fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jenuncja certi kriterju li l-Qorti ghandha tqis fl-evalwazzjoni tax-xhieda sabiex tasal ghad-decizjoni taghha:

L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-**imġieba**, **kondotta** u **karattru** tax-xhud, tal-fatt jekk **ix-xiehda għandhiex mis-sewwa** jew hix **konsistenti**, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u **jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra**, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ (emfasi tal-esponent).

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti hasset illi x-xhieda tal-imputat qua appellat kienet iktar konvincenti u ghalkemm kellha kull dritt bil-Ligi illi temmen lil xhud wiehed u mhux lill-iehor, fid-dawl tal-provi prodotti u b'ezami akkurat tal-kriterji enuncjati mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent jemmen illi d-decizjoni li wasslet ghalieha l-ewwel Onorabbli Qorti mhiex wahda ragonevoli kif sejjer jigi spjegat. L-esponent ma jaqbilx mal-ewwel Onorabbli Qorti fejn din sostniet

---

[8] 9 ta' Lulju 2003

[9] 15 ta' Jannar 2015

illi l-minuri ma kinitx kredibbli minhabba certi inkonsistenzi illi setghet irriskontrat u dan qieghed jinghad ghaliex b'ezami akkurat tal-provi prodotti jirrizulta illi l-persuni kollha li l-minuri kellmet meta rrakontat dak kollu li kien qieghed jaghmlilha l-appellat[10] kollha qablu bejnithom fil-verzjoni li taw meta xehdu dwar dak illi kienet qaltilhom il-minuri di prima persona.

Illi wara kollox jekk semmai kien hemm certu inkonsistenzi dawn ma kinux ta' rilevanza izda kienu biss dettalji zghar illi xejn ma jimminaw il-kredibilita' tal-minuri. Wiehed irid izomm f'mohhu li hawnhekk si tratta ta' kaz ta' delikatezza liema bhalha u mhux biss ghaliex il-minuri ma kinitx ghadha ghalqet l-eta' ta' ghaxar (10) snin izda ghaliex l-allegati abbuzi saru fin-nukleju familjari u ghalhekk l-effett li dan seta' halla fuq tifla daqshekk vulnerabbli jista' jaghti l-kaz li jwassal lill-minuri sabiex tinsa' jew tfixkel xi dettalji. Din it-trawma li soffriet il-minuri tohrog bic-car mill-atti processwali hekk kif jidher mix-xhieda tal-psikologa Dr. Roberta Attard fejn dina tinnota d-*demeanour* tal-minuri hi u tirrakontalha fuq l-abbuz li sar fuqha da parti tal-appellat[11] u f'mument minnhom meta l-minuri hassitha li ma setghetx tkompli ghaddejja bir-rakkont, ilmentat li ghajjiet u riedet tpingi stampa ta' ziemel.

Illi mill-banda l-ohra nsibu x-xhieda tal-appellat Alessandro Debono fejn huwa cahad kategorikament illi qatt kien abbuza mill-minuri sesswalment izda meta mistoqsi mill-Prosekuzzjoni ghar-raguni ta' ghalfejn il-minuri setghet kienet qeda tivvinta storja fuqu, huwa konvenjentement iwiegeb illi din kienet kollha fabbrikazzjoni ta' omm il-minuri sabiex il-missier, li jigi hu l-appellat ma jibqax jara lill-bintu jew li forsi l-minuri kienet qeda tivvinta din l-istorja ghax ma jhallihiex tilghab fuq il-computer tieghu. Jghid ukoll illi omm il-minuri lilu kienet tobghodu imma meta mistoqsi ghalfejn setghet kellha din l-istmerrija fil-konfront tieghu, huwa jwiegeb illi ma jafx u li forsi ghaliex kienet qeda tissepara minn ma' huh. Fl-istess nifs pero' l-appellat jghid illi omm il-minuri dejjem gabitlu rispett in kwantu meta kienet ghadha mizzewga ma' huh dejjem sajritlu u hadet hsiebu u laqghetu f'darha.

[10] Il- psikologa Dr. Roberta Attard, is-sacerdoti is-social worker tal-Agenzija Appogg Remenda Grech u l-Ufficjali tal-Pulizija tal-Vice Squad.
[11] A fol. 33-41 ta-atti processwali.

Illi b'kull dovut rispett, dawn tal-appellat huma biss allegazzjonijiet ghaliex fid-dawl tax-xhieda li tat ommi il-minuri jirrizulta illi hija kienet komda bl-arrangament ta' access ghall-minuri li kienu wasslu ghalih hi u zewgha u ghalhekk ma kellha ebda interess li tharbat dan l-arrangament li kienu fuq kollox wasslu ghalih bi ftehim:

> Xhud: konna nimxu, essagg konna nimxu max-shift tieghi. Ghax peress li nahdem day, night, rest, off allura bhal speci konna nirrangaw hekk. Anki mill-iskola konna nirrangaw bejnitna minhabba l-iskola.[12]

Illi dawn l-allegazzjonijiet iktar u iktar ma jaghmlux sens ghaliex jekk ghall-grazzja tal-argument, l-omm riedet timpika mal-missier ghal xi raguni billi ccahhad lill-missier mit-tifla, iz-ziju u cioe' l-appellat ma kellux ghalfejn jizzeffen fl-istorja mill-omm. Dan qieghed jinghad ghaliex l-access ghall-minuri kien isir gewwa l-fond residenzjali tal-missier stess u mhux gewwa l-fond ta' fejn jghix l-appellat u ta' fejn allegatament saru l-abbuzi. Kwindi ma jreggix l-argument tal-appellat illi l-minuri kienet qeda tigdeb fuqu frott l-insistenza tal-omm sabiex hi ma tatix l-access ghaliex l-access kien jirrigwarda lill-missier u l-appellat bhala ziju la kellu x'jaqsam ma' dan l-arrangament u wisq anqas kellu xi effett fuqu.

Illi f'dan ir-rigward b'kull dovut rispett lanqas ma kellha ragun l-ewwel Onorabbli Qorti illi tinterpreta l-komportament tal-omm bhala determinazzjoni sabiex totjeni rapport ta' abbuz sesswali hekk kif xtaqet. Fl-umli fehma tal-esponent dan mhux biss jammonta ghall-gudizzju ngust fuq l-omm da parte tal-ewwel Onorabbli Qorti izda hija osservazzjoni zbaljata illi ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti minhabba apprezzament zbaljat tal-provi. Dan qieghed jinghad ghaliex jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda li tat l-omm naraw l-ewwel u qabel kollox illi l-omm ghaddielha hsieb minn rasha dwar xi abbuz li setghet qeda tghaddi minnu t-tifla minhabba r-raguni illi kemm hi kif ukoll membri tal-familja taghha[13] innotaw komportament sesswali pjuttost prekoci ghall-tfal ta' dik l-eta' li bilfors kien inkwetanti u li kien ghalhekk illi

---

[12] A fol. 12 tal-atti processwali.
[13] Vide xhieda ta' Elizabeth Saliba u Emma Saliba.

l-omm fittxet l-ghinuna. Mix-xhieda tal-omm jirrizulta li wara li l-psikologa Carmen Sammut irrizultalha illi l-komportament infelici tat-tifla kien biss dovut ghad-dwejaq li kienet qeda thoss minhabba s-separazzjoni ta' ommha u missierha, l-omm mill-ewwel regghet tat l-access lill-missier u l-preokkupazzjoni taghha waqfet hemm:

> Xhud: Il-clinical psychologist ghamlitilha xi sessions u kull ma kien inhareg mir-rapport ghax kienet stressjata, kienet imdejqa ghax il-papa u l-mama taghha qed jisseparaw, kienet irrabjatha, dak li hareg. U bhal speci ghidt mela all rigth m'hemm xejn, m'hu qed jigri xejn.
>
> .../...
>
> Qorti: Imma taghmel xi azzjoni mbaghad mal-pupi?
>
> Xhud: Kienet tirrabjahom flimkien. Il-mod kif gieli rajtha tpoggi lilha nnifisha fuq il-pupi like rocking.
>
> Qorti: Jigifieri qishom pelvic trust.
>
> Xhud: yes ehe. Infatti kont nghidilha x'int taghmel u kienet qisha tinhasad. **Pero' qatt ma hsibt x'kien qed jigri qed tifhem.** Imbaghad allura hadtha, ghidt nahseb jiena nohodha ghand xi hadd li jifhem ghax jiena bhala ommha ma bdejtx narahom idoqquli (emfasi tal-esponent).
>
> .../...
>
> Xhud: **Jiena meta rajt ir-rapport ma wera xejn bhal speci ma qaghadtx immur ghand il-Pulizija la ma kien hemm xejn ma kien hemm xejn. Serraht mohhi fuq li qalet il-psikologa dakinhar** (emfasi tal-esponent).

Illi l-omm imbaghad tkompli tixhed li wara xi zmien regghet innutat li t-tifla regghet bdiet iggib ruhhha b'mod illi jimplika xi tip ta' *sexual misconduct* u allavolja hasbet illi dan seta' kien parti mill-izvlupp tat-tifla xorta wahda

baqghet tinkwieta u kien propju hawnhekk illi marret ghand tal-Appogg u l-Vice Squad li b'referral qabduha mal-psikolga Dr. Roberta Attard. Kien permezz tas-*sessions* li l-minuri kienet taghmel ma' Dr. Attard illi hareg kif il-minuri kienet qeda tigi abbuzata sesswalment minn Alessandro Debono. F'dan ir-rigward interessanti x-xhieda tal-imsemmija psikologa fejn tghid illi meta ngiebet il-minuri ghall-trattament hija ma kinitx taf illi l-minuri kienet soffriet dan it-tip ta' abbuz izda kienet taf biss illi l-genituri taghha kienu qedin ghaddejjin minn separazzjoni u dan l-abbuz konsegwentement hareg minn fomm it-tifla waqt dawn is-*sessions*.

Illi ghaldaqstant, l-esponent jistaqsi kif qatt l-ewwel Onorabbli Qorti setghet tasal ghall-konvinzjoni illi t-tifla mhiex kredibbli ghar-raguni illi din kienet sfurzata minn ommha sabiex tohloq din l-istorja ai fini ta' pika fl-isfond tas-separazzjoni. L-esponent jemmen ukoll illi fid-dawl ta' dak illi rrakontat it-tifla, din ma setghetx ma garrbitx l-abbuz *first hand* hekk kif irrakontatu ghaliex difficilment wiehed jista' jimmagina kif tifla ta' sitt (6) snin setghet taghmel certi osservazzjonijiet fin-nuqqas illi din effettivament tkun garbithom fuq persunitha. Hekk naraw kif lill-psikologa Dr. Roberta Attard it-tifla tpingi l-organu sesswali maskili u tirrakonta s-segwenti:

> Psikologa: Owkej... Trid tkompli tghidli x'jigri?
>
> Sarah: Imbaghad tohrog xi haga hadra minn god-duda..taf x'toghma hazina ghandha jaq! (Tqarras wiccha hawnhekk).
>
> Psikologa: Taf jekk ghandhiex riha din il-haga hadra?
>
> Xhud: Heq...mhux riha ta' duda...heq....jaq go halqi tohrog u darba telghatli ponta kbira u weggghetni hafna. (Hawnhekk taghmel subghajha f'halqha u tipponta lejn ilsienha. Taghmel moviment qisha se tirremetti). Imbaghad jghidli biex inkompli....imma nkun ghajjiena.
>
> Psikologa: Taf fejn ikunu jdejh meta jkun qed jigri dan?

Sarah: Nahseb fejnu...taf illi qatt ma tani xejn lanqas biex nixrob wara u lanqas meta staqsejtu ghax ikolli l-ghatx.[14]

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponent umilment jemmen illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta fl-evalwazzjoni tax-xhieda li kellha quddiemha ghaliex b'applikazzjoni tas-succitat Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hiaj x-xhieda tal-minuri illi tirrizulta l-aktar konsistenti b'kuntrast max-xhieda pjuttost xotta tal-appellat liema xhieda hija nieqsa minn spjegazzjoni sensata ta' ghalfejn saru l-allegazzjonijiet illi wasslu ghall-bidu ta' dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.

## III. <u>It-Tielet Aggravju: Interpretazzjoni u Applikazzjoni zbaljata tal-Ligi.</u>

Illi it-tielet aggravju jorbot mal-aggravju precedenti u dan ghaliex stante illi l-minuri kienet kredibbli fix-xhieda taghha, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx ma ssibx htija fl-appellat ghar-reati lilu addebitati u senjatament ghal dawk ikkontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 203(1), 203A u 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

### A. Ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri- 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[15]

Illi sabiex jirrizulta r-reat ta' korruzzjoni ta' minuri jehtieg illi jikkonkorru (i) l-element materjali illi jikkonsisti fl-atti libidinuzi u (ii) l-element intenzjonali u cioe' r-rieda tal-hati li jaghmel dawk l-atti li hu jaf li huma libidinuzi bhala intizi ghas-sodisfazzjon sesswali. Di piu' jrid jigi ppruvat illi effettivament kien hemm il-korruzzjoni tal-minuri in kwantu l-atti libidinuzi qanqlu l-konkupixxjenza tal-minuri (*actual defilement*).

Mill-provi jirrizulta illi l-atti sesswali illi wettaq l-appellat fuq il-persuna tal-minuri jammontaw ghall-korruzzjoni tal-minuri tat-tip illi jinkwadra ruhhu fl-Artikolu

[14] A fol. 39 tal-atti processwali.

[15] Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mix-xhieda tal-minuri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti jirrizulta illi tal-inqas f'zewg okkazjonijiet l-appellat dahhal/mess il-parti genitali tieghu fi/ma' halq il-minuri u li gieghelha tilghaqlu l-genitali tieghu. Hija anki tghid li darba minnhom harget ''dik it-tonda'' li kellha tomgha hazina tant li kellha tahsel halqha. Kwindi ma hemmx dubbju li dan l-att jammonta ghall-atti di libidine u ghalhekk l-ewwel element tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-element intenzjonali tar-reat in dizamina, jidher illi mix-xhieda tal-minuri hemm accenn ghall-''haga hadra u tonda li kellha tomgha hazina'' u li kwindi hemm indikazzjoni li dan l-att mhux biss kien intiz sabiex iqanqal il-konkupixxjenza tal-appellat izda sahansitra wassal ghall-ejakulazzjoni tieghu. Certament illi fl-isfond tal-fatti tal-kaz hekk kif irrakkontati mill-minuri, ma hemmx dubbju illi l-unika skop li kellu f'mohhu l-appellat kien dak biss illi jissodisfa z-zina sesswali tieghu billi jinqeda bil-minuri. Ghaldaqstant, anki dan l-element intenzjonali tar-reat ikkontemplat fl-imsemmi artikolu gie ppruvat.

Illi mix-xhieda ta' diversi familjari tat-tifla bhalma hi l-omm, in-nanna materna u z-zija tal-minuri, jirrizulta kif it-tifla kienet giet osservata taghmel mossi b'konnotazzjoni sesswali. Hekk per ezempju n-nanna materna tirrakonta kif lit-tifla kienet osservatha tilghab bit-torc mal-parti genitali taghha, l-omm kienet osservata tilghab bil-pupi b'mod illi timplika l-att sesswali u z-zija tixhed kif it-tifla gieli ghamlet 'rocking movements' fuqha meta kienu qedin jilghabu. Illi dan il-komportament certament ma jistax jinghad illi huwa normali f'tifla ta' sitt (6) snin u ghalhekk mhux talli huwa ndikattiv illi hija giet esposta ghall-materjal sesswali talli addirittura, fid-dawl tax-xhieda taghha, dan huwa evidenza cara ta' kemm l-innocenza taghha giet mittiefsa b'mod irremedjabbli. Ghalhekk, ghandu jitqies li tirrizulta l-korruzzjoni tal-minuri hekk kif tikkontempla l-Ligi.

Illi ghaldaqstant, l-esponent umilment jemmen illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi sabiex l-appellat jinstab hati tal-korruzzjoni tat-tfal ta' taht l-eta' ai termini tal-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li fil-kaz odjern huwa

aggravat peress li meta gie kommess ir-reat it-tifla kellha nqas minn tnax (12) –il sena.

**B. Ir-reat ta' istigazzjoni tal-minuri: l-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[16]**

Illi l-esponent ma jhossx illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha illi tillibera lill-appellat anki mit-tieni imputazzjoni u cioe' mir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-minuri tixhed li kien hemm okkazjoni meta kienet qeda fil-kamra tas-sodda tal-appellat u tirrakonta kif missierha u l-appellat bdew jaraw dvd pornografiku fejn kien hemm tifel qisu kelb li kellu qisu xi 14 jew 15 –il sena u kien qieghed jilghaq il-parti genitali ta' mara li hi ddeskriviet bhala 'nanna'. B'rabta ma' dan l-incident, l-omm Antoinette Debono tixhed kif fost il-komportament inkwetanti li kienet innutat fit-tifla kien hemm episodju li kien inkwetaha ferm u dan kien meta darba qabdet lit-tifla bil-qalziet ta' taht imnizzel u bil-kelba tilghaqilha l-parti privata taghha. Fid-dawl ta' dan l-episodju, l-esponent jemmen illi difficilment wiehed jista' jargumenta kif l-espozizzjoni tal-minuri ghall-pornografija li kien qieghed jara l-appellat ma huh ma halliex effett fuqha ghax tant dan halla effett li ommha qabditha tikkopja fuq il-persuna taghha dak li rat fid-dvd! Ghaldaqstant, ghandu jitqies li l-appellat kellu sehem attiv sabiex il-minuri tigi korrotta ai termini tal-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk minghajr pregudizzju ghas-suepost, kemm –il darba din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx illi jikkonkorru l-elementi rikjesti mil-Ligi sabiex tinstab htija a tenur tal-Artikolu 203(1), certament ghandu jitqies illi jikkonkorru l-elementi rikjesti tal-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[16] Kull min, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1), jeċċita, jgħin jew jiffaċilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-età tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 203(2) u (3) jgħoddu, *mutatis mutandis*, għal delitt taħt dan l-artikolu:
Iżda l-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fil-proviso li hemm għall-artikolu 203(1).

**C. Ir-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta': l-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[17].**

Illi l-esponent hawnhekk ukoll ma jaqbilx mad-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti illi tillibera lill-appellat anki mit-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dan ghaliex ma hemm l-ebda dubbju li l-atti li allegatament ippartecipa fihom mal-minuri kienu atti sesswali u lanqas ma hemm dubju illi t-tifla kienet taht l-eta'. Bhala z-ziju taghha, l-appellat kellu nfluwenza fuq il-minuri u kien igawdi l-fiducja tal-minuri. Ghalhekk mhemmx dubju illi mhux talli jissussistu l-ingredjenti tar-reat in kwistjoni izda li jreggu wkoll l-aggravji in lista fl-Artikolu 204C(2)(a) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha ssib htija fl-appellat ghal din l-imputazzjoni wkoll.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni appellata ghaliex jishaq illi l-Ewwel Qorti erronjament ma tatx affidament lill-minuri abbazi ta' nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda taghha u dan ghaliex fil-fehma tieghu il-minuri Sarah Debono tat verzjoni wahda u unika marbuta mal-allegat abbuz subit minnha minn taht idejn zijuha, u cioe' l-appellat odjern, liema verzjoni kienet wahda konsistenti meta din irrakkontat dak li kien sehh kemm lill-psikologa Roberta Attard, kif ukoll lis-*social workers* involuti fil-kaz u finalment fix-xhieda taghha fil-qorti.

Illi preliminarjament, l-Avukat Generali jinsisti illi l-Ewwel Qorti erronjament iddikjarat ix-xhieda u ir-rapport tal-psikologa Dr. Roberta Attard bhala wahda inammissibbli billi din kienet xhud *ex parte* tal-parte civile u tal-Prosekuzzjoni. Illi meta l-Ewwel Qorti iddikjarat tali prova bhala wahda inammissibbli skont il-ligi hija strahet fuq dak dispost fl-artikolu 650(1) tal-Kap.9, billi tali xhud ma setatx taghti l-fehma taghha fil-kapacita taghha professjonali bhala psikologa jekk din ma tkunx giet innominata mill-Qorti sabiex thejji perizja fuq il-kaz. L-Avukat Generali, izda isostni illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta id-deposizzjoni tax-xhud fit-totalita'

[17] (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

taghha izda kien ammissibbli dak il-parti tar-rapport kif ukoll tax-xhieda fejn gew deskritti fatti mill-istess xhud bhal, per ezempju, dak li kienet stqarret maghha l-minuri, u allura kienet inammissibli biss f'dik il-parti fejn hija esprimiet l-parir taghha professjonali.

Issa huwa minnu illi l-artikolu 650 tal-Kap.9, iccitat mill-Ewwel Qorti huwa deroga ghar-regola generali dwar l-ammissibilita ta' xhieda minn esperti *ex parte* li jitkellem dwaru l-artikolu 563A tal-Kapitolu 12, rez applikabbli ghad-dritt procedurali penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex ghalkemm fid-dritt procedurali l-emenda introdotta bl-Att XXIV tal-1995 , l-opinjoni ta' espert *ex parte* giet reza ammissibbili u dan diment illi l-qorti tivverifika illi tali xhud ikollu il-kwalifiki mehtiega, tali regola ma sabitx applikazzjoni fil-kamp penali u dan meta l-artikolu 650 jiddisponi espressament, kif gustament irrilevat l-Ewwel Qorti, illi:

**"Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja."**

L-Avukat Generali ma jiddibattiex dan il-punt ta' dritt, izda jishaq illi f'dik il-parti tar-rapport u xhieda ta'l-espert fejn hija kienet qed taghti rendikont ta' fatti li sehhew tali prova kienet wahda ammissibbli u ma kellhiex tigi skartata.

*"Illi huwa principju ormai accettat li sakemm l-inkarigu espletat minn tali espert ikun biss kwistjoni ta` kostatazzjoni ta` stat ta` fatt, ir-rapport taghhom f'dak is-sens huwa ammissibbli, bhala prova valida. Huma l-opinjonijiet u l-konkluzjonijiet komparattivi taghhom li m'ghandhomx valur probatorju. Galadarba l-posizzjoni hija li rapport ta` dawn l-esperti, li jikkontjenu opinjonijiet u rizultanzi ta` xi ezamijiet minnhom maghmula, huma nulli u bla ebda effett probabtorju, taghmel sens li Qorti, anke minn jeddha, minkejja li ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dawn l-esperti mid-difiza, tiddecidi billi tiskarta ghal kollox tali opinjonijiet u rapporti." – Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melcior Spiteri deciza App.Inf 16/12/1998*

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rapport ta' Dr. Roberta Attard u tax-xhieda minnha moghtija. Huwa indubitat illi l-imsemmija espert ma gietx inkarigata mill-parte civile u mill-Prosekuzzjoni sabiex taghmel xi kostatazzjoni ta' fatt izda sabiex bil-hila professjonali taghha u l-metodi ta' gharfien fil-qasam tal-psikologija li fiha hija tispecjalizza, tipprova tindaga b'din il-forma ta' terapija sabiex tara jekk il-minuri, tifla zghira ta' sitt snin, kenitx issubiet xi forma ta' abbuz fil-passat vicin. Kwindi ghalkemm huwa minnu illi l-espert fir-rapport u anke fix-xhieda taghha tirrakonta dak li tghid il-minuri, madanakollu dan sar permezz ta' metodologija addotata minnha fil-qafas professjonali taghha u kwindi gjaldarba din saret mhux minn espert nominat mill-qorti jew f'xi inkjesta magisterjali, ikun ferm perikoluz illi dan ir-rapport jigi ammessa bhala prova indipendenti fl-atti. Fil-fatt l-espert matul l-intervista li taghmel lil minuri tinkoraggixxi lill-minuri tkellimha anke permezz ta' tpingijiet, fejn f'uhud minnhom sahansitra ghenietha biex tikteb dak li kienet qed tesprimi. Kwindi din il-Qorti hija tal-istess fehma bhall-Ewwel Qorti illi tali prova ghandha titqies bhala wahda inammissibbli. Dak li kellha taghmel il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huwa li titlob in-nomina ta' espert specjalizzat fil-psikologija infantili sabiex tassisti lill-Qorti fis-smiegh tax-xhieda tal-minuri, li imbaghad wara ghandha tirrelata dwar il-verosmiljanza o meno ta' dak affermat mill-minuri koncernat. Dan huwa mankanti fl-atti u allura l-Ewwel Qorti ma kellhiex dak is-serhan tal-mohh permezz ta' assistenza professjonali sabiex tevalwa ix-xhieda tal-minuri, kif imbaghad kellha fir-rigward ta'l-appellat meta intallbet mid-difiza in-nomina ta' espert psikjatriku sabiex jaghmel analizi psikjatrika tieghu.

Sorvolata ghalhekk din il-kwestjoni ta' natura procedurali imqanqla mill-Avukat Generali jifdal biex jigi trattat l-aggravvju ewlieni tal-Avukat Generali dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja.

Illi dawn il-kazijiet ta' korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata, li f'dan il-kaz ukoll kien minuri. Wiehed ighid iswed u l-iehor ighid abjad. Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[18]"

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392) (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[19]"

Illi inoltre, bhal kif gara f'dan il-kaz partikolari mill-Ewwel Qorti, "biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-

[18] Ibid
[19] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti.[20]"

Issa huwa minnu illi meta xehdet il-minuri hija iddeponiet quddiem gudikant iehor, madanakollu billi x-xhieda taghha ittiehed permezz tal-procedura awdio viziva kontemporanja din certament kienet disponibbli ghall-Ewwel Qorti li allura setghet vizwalment tezamina d-deportament tax-xhud. Ghalhekk sewwa mxiet il-gudikant in prim'istanza meta ghamlet ezami ta' diversi cirkostanzi li fil-fehma taghha kienu jivvulneraw x-xhieda tal-minuri. Issa l-Avukat Generali jikkontendi illi dawn ic-cirkostanzi ma kellhomx iwasslu ghal liberatorja tal-gudikabbli billi kuntrarjament ghal dak li gie deciz mill-Ewwel Qorti:

1. il-verzjoni li tat il-minuri lil diversi nies professsjonali li giet in kuntatt maghhom u ukoll il-verzjoni li tat lill-qorti kienet wahda unika u li l-inkonsistenzi li tindika l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha kienu f'dettalji zghar u mhux ta' rilevanza.

2. il-fatt illi l-appellat ma jaghtix raguni konvincenti 'il ghala fil-fehma tieghu il-minuri ghandha tigdeb fuqu u tohloq dina l-istorja ta' abbuz sesswali kif qed tallega. Dan ghaliex kuntrarjament ghal dak li jallega li din kienet vendikazzjoni ta' omm il-minuri fil-konfront ta' huh minhabba fis-separazzjoni kombattuta ta' bejniethom, mix-xhieda ta'l-istess Antoinette Debono ma kienx jidher li kien hemm xi problemi bejniethom u kwindi ma kellhiex ghalfejn din ta'l-ahhar tohloq storja dwaru.

3. Illi ma hemm l-ebda prova in atti li taghti serhan lit-tezi prospettata mill-Ewwel Qorti illi omm il-minuri kienet qieghda iggieglha tirrakonta din l-istorja ta'l-abbuz sabiex tivvendika ruhha minn zewgha. Dan iktar u iktar meta jidher illi l-omm qatt ma kienet konsapevoli ta'l-allegat abbuz li kien qed isir mill-appellat, liema abbuz it-tifla irrakkontatu ghall-ewwel darba lill-psikologa Dr. Roberta Attard.

[20] Amabile Cauchi vs Gianni Attard – App Krim. 21/05/1955

4. Ix-xhieda ta' Dr. Roberta Attard li tghid illi meta il-minuri giet riferuta ghandha hija ma kenitx konsapevoli ta'l-abbuz subit minn taht idejn l-appellat, u kienet il-minuri li minn jeddha irrakkontatilha dak li allegatament kien qed isehh ma' zijuha Sandro u allura huwa impossibbli dak li issostni l-Ewwel Qorti illi kienet l-omm li kienet qed iggieghel lill-minuri tirrakonta dan ix-xenarju ta' abbuz.
5. Dak li l-minuri irrakkontat lill-psikologa Dr. Roberta Attard u l-imgieba tal-minuri filwaqt li kienet qed taghmel dan ir-rakkont.

Illi fil-fehma tal-Avukat Generali allura ix-xhieda moghtija mill-minuri kienet wahda iktar kredibbli, konsistenti u dettaljata minn dik moghtija mill-appellat u allura l-ewwel Qorti kellha taghtiha affidament.

Ikkunsidrat,

Illi l-esercizzju maghmul mill-Ewwel Qorti meta rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti u l-ebda provi ohra indizzjarji jew cirkostanjzali li jikkoroboraw xi verzjoni jew ohra, kienet illi taghmel ezami tad-dettalji zghar li sawwru dan il-kaz sabiex setghet tasal biex tistabilixxi liema verzjoni kienet l-aktar kredibbli u verosmili. Issa din il-Qorti ezaminat ix-xhieda tal-minuri u tara illi fil-fatt huwa minnu illi fid-dettalji li tindika l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha hija inkonsistenti u mhux cara fir-risposti li taghti ghajr ghal meta taghti deskrizzjoni ta' l-abbuz li allegatament sehh. Ukoll hawnhekk dan ir-rakkont huwa nieqes mid-dettall u ma jaghtix twegiba ghal diversi *lacunae*. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi dan l-allegat abbuz sehh meta l-minuri kellha biss hames snin u hija xehdet fil-Qorti meta imbaghad kellha seba snin. Ukoll l-appellat fiz-zmien tal-allegat kummissjoni tar-reat kien ukoll minorenni ta' sittax-il sena.

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat illi ghalkemm l-Ewwel Qorti stqarret li kienet qed tiddikjara x-xhieda ta' Dr. Carmen Sammut u Dr. Roberta Attard bhala provi inamissibbli, madanakollu ghamlet referenza ghalihom fl-apprezzament minnha

maghmul tal-provi u dan meta tindika illi ghalkemm fl-analizi minnha maghmula tal-minuri Dr. Carmen Sammut ma kenitx irriskontrat xi forma ta' abbuz la fiziku u lanqas sesswali, madanakollu tghid illi omm il-minuri baqghet tinsisti billi ressqet lill minuri ghand sacerdoti, social workers u finalment ghand psikologa ohra sabiex finalment l-minuri harrget bl-istorja ta'l-abbuz sesswali.

Illi meta l-isfond ta' storja dwar abbuz fuq minuri ikun is-separazzjoni kombatuta bejn il-genituri, il-Qorti trid dejjem timxi b'mod kawt billi mhuwiex inawdit illi xi genitur jallega illi l-minuri ikun qed jigi abbuzat f'xi forma jew ohra mill-genitur l-iehor u dan jew biex jikseb xi vantagg fil-proceduri tas-separazzjoni jew inkella ghaliex genwinament ikun hemm il-biza li ikun qed isehh dan l-abbuz gjaldarba l-konjugi l-iehor ikun ittradixxa l-fiducja ta' dik il-persuna billi kien il-kagun ta' dik il-firda personali. Issa l-Qorti madanakollu ma tistax timxi b'kongetturi u supposizzjonijiet fil-kamp penali, izda biss b'fatti ippruvati u xejn iktar.

Jidher mill-atti illi l-konjugi Debono kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni fejn il-missier, hu l-appellat, jidher illi diga kellu siehba ohra. Jidher ukoll bhala fatt ippruvat illi l-minuri kienet turbata psikologikament minn din il-firda u kienet tixtieq illi l-genituri jirrikonciljaw. Jidher illi l-missier kien qed ikollu access ghal minuri f'certu granet fil-gimgha u minn hawn l-omm bdiet tallega illi kienet qed issehh bidla fil-komportament tal-minuri. Fil-fatt tirrakonta illi innutat bidla kif il-minuri kienet qed tilghab bil-pupi fejn kienet taghmel zewg nisa u ragel (x'aktarx indikattiv tal-fatt illi l-missier issa kellu mara ohra f'hajjtu) u thokkhom ma' xulxin u li ma kenitx qed tiekol sew u tqum bi hmar il-lejl. Wara dan baqghet tara li it-tifla kienet tkun imdejqa u sehhew xi episodji ohra fejn qajjmulha suspett li fil-fehma taghha seta' kien hemm xi abbuz sesswali u allura minn hawn inkarigat psikologa ohra. Jidher illi f'dan il-perijodu ta' zmien l-omm kienet ferm agitata u inkwetata minhabba f'din l-imgieba tat-tifla u allura kienet laqqatha ma' diversi nies fejn kienet qed tirrakonta dak li kienet ghaddejja minnu. Jidher izda illi l-omm ma kienet taf xejn dwar l-allegat abbuz sesswali subit minn taht idejn l-appellat billi jidher illi s-suspett kien dejjem fuq il-missier.

Illi l-allegat abbuz kien qed isehh fir-residenza tan-nanna paterna fejn kien ighix l-appellat, allegatament fil-kamra tas-sodda tieghu. Jidher illi meta sehh l-allegat abbuz l-appellat ma kienx ikun wahdu fid-dar mat-tifla, izda dejjem kien ikun hemm prezenti ommu u missieru u kultant anke huh Allen, missier it-tifla. Jidher ukoll bhala fatt mhux kontradett illi l-kamra tas-sodda tieghu ma tissakkarx minn gewwa u ghandha tieqa tal-hgieg kbira li taghti ghal gol-kamra tas-salott. Issa il-minuri tirrakonta illi l-allegat abbuz sehh fid-dlam meta in-nanniet kienu reqdin. Jidher illi meta kienet tqatta l-lejl ghand in-nanniet paterni il-minuri kienet torqod fis-sodda man-nanniet taghha. Huwa inspjeggabbli allura kif tifla ta' hames snin kienet tithalla iddur wahedha fid-dar meta kulhadd kien ikun dahal jorqod. Il-minuri tghid li kienet qed iddur fil-kcina meta l-appellat sejhilha fil-kamra tieghu u sehh l-abbuz. Il-minuri ma issemmiex li ghadda xi diskors bejniethom. Hija inkonsisteni l-minuri ukoll meta tghid ghall-ewwel illi l-bieb tal-kamra ma kienx imsakkar, imbaghad iktar tard fix-xhieda taghha tghid li  kien imsakkar, kellu cavetta u hi ma setatx issib ic-cavetta izda imbagahd irnexxielha tahrab biex tmur tahsel halqha. Ma taghtix spjegazzjoni dwar kif sehh l-abbuz fit-tieni okkazzjoni. Illi huwa biss meta issemmi l-fatti dwar l-abbuz li hi konsistenti. Imbaghad hemm konfuzjoni shiha dwar l-incidenti fejn allegatament rat l-pornografija fuq il-kompjuter fil-presenza ta' missierha u huh, l-appellat odjern, u l-okkazzjoni fejn hi tghid li rat tifel jilghaq il-parti privata ta' mara li tiddeskrivieha bhala n-nanna. Minn hawn issir allegazzjoni illi hi tinqabad f'iktar minn okkazzjoni wahda taghmel l-istess ma' xi kelb ta' habib ta' ommha u cioe' li kienet thalli l-kelb jilghaqilha il-parti privata taghha, izda jidher illi l-ewwel darba li sehh incident bhal dan kien meta l-koppja Debono kienu ghadhom flimkien, qabel ma isseparaw meta inqabbdet taghmel dan mal-kelb tal-familja. Jidher illi ghal dan l-incident kien anke prezenti l-appellat li kien jinsab id-dar ta' huh u allura kien ghadu izghar fl-eta. Ta' dik l-eta tenera jidher illi hija kienet rat xi materjal pornografiku billi issemmi u tindika anke il-partijiet privati kemm tas-sess maskili kif ukoll femminili li jidher li hallew impressjoni fuqha.

Il-minuri tirrakonta zewg okkazzjonijiet fejn allegatament l-appellat gieghla tilghaq il-parti privata tieghu fejn anke kien jispicca jegakula f'halq il-minuri billi tghid illi l-likwidu kellu toghma hazina u kienet tmur tahsel halqha. Tinsisti ukoll dwar hakk li

kienet tbati fil-parti privata taghha u li ommha kienet haditha ghand tabib li taha xi injezzjoni, izda huwa stramb kif l-omm ma semmitx xejn dwar dan l-episodju u lanqas tressaq bhala xhud it-tabib li ezamina lill-minuri fizikament. Illi fix-xhieda taghha l-minuri tghid illi missierha kien qabad liz-ziju fil-fatt u sabbtu mas-sodda. Dan il-fatt ma tirrakontahx izda lil Roberta Attard li kif gustament tirrimarka l-Ewwel Qorti mill-mistoqsijiet li isirulha mill-istess Attard jidher illi missierha ma kienx konsapevoli ta' dak li kien qed jigri.

Illi huwa indubitat ghalhekk illi l-ewwel Qorti kellha kompitu kemmxejn difficli sabiex taghrbel l-verzjonijet ta' dawn iz-zewg minuri – wahda, allegatament il-vittma li fiz-zmien tal-allegat abbuz kellha biss hames snin u l-iehor l-awtur tar-reat, cioe' l-appellat, li kellu sittax-il sena.

Huwa indubitat illi s-separazzjoni tal-genituri tal-minuri kellha effett psikologiku negattiv fuqha, tant illi kien hemm zmien meta l-access lejn il-missier twaqqaf jew kien qed isir taht supervizjoni minhabba dawn l-allegazzjonijiet. Di piu jidher illi kemm missierha kif ukoll ommha kellhom *partners* godda li hi isemmi fix-xhieda taghha. Minn naha l-ohra imbaghad hemm il-figura ta'l-appellat li jichad kategorikament illi huwa qatt kellu xewqat sesswali fil-konfront tal-minuri, li kien adolexxenti li jhobb jilghab bil-*playstation* u il-kompjuter u anke kellu xi tfajliet. Illi mir-rapport ipprezententa mill-esperti psikjatrici nominat mill-Ewwel Qorti gie eskluz illi l-appellat kellu xi imgieba devjanti jew li kellu xi devjazzjonijiet sesswali, izda gie deskritt bhala bniedem normali li integra ruhu sew fis-socjeta u ma huwa affett mill-ebda patologija. Jistqarru illi minn ezamijiet maghmula fuqu ma jrrizultax illi huwa ghandu xi propensita lejn xi devjazzjonijiet sesswali b'mod specjali fuq it-tfal.

Illi allura affaccjata b'dawn iz-zewg faccati ta' dan il-kaz, dik mohmija mill-Prosekuzzjoni u dik mibnija mid-difiza, din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha u dan fid-dawl tal-fatt illi x-xhieda tal-minuri ma toffriex dik il-konsistenza u precizjoni fid-dettall taghha specjalment dwar l-gharfien taghha ta' eta daqshekk tenera tas-sesswalita' taghha, li certament ihallu dak il-*lurking doubt* f'mohh min irid jiggudika - u minn

naha l-ohra l-appellat li jibqa′ jichad kategorikament illi qatt seta′ kellu xi rapport sesswali mal-minuri. Dan id-dubbju fil-kamp penali necessarjament jimmilita favur l-persuna ta′l-akkuzat billi kundanna li twassal ghat-telfien tal-liberta ma tista′ qatt tkun imsejsa fuq id-dubbju. Kwindi din il-Qorti ma tara xejn x′ticcensura fid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti u l-ezami li sar tal-provi.

Fid-dawl ta′ dawn il-konkluzjonijiet il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravvji l-ohra sollevati mill-Avukat Generali li huma strettament marbuta mal-akkoljiment ta′l-ewwel aggravvju liema aggravvju in linja ma′ dak hawn fuq deciz qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur